# eEURO 2020 eFootball Rulebook

# 1. Ħarsa ġenerali

DAN IL-KTIEB M'HEMMX BZONN JINXTARA.

It-turnew tal-UEFA Euro 2020 eFutbol huwa sponoriżżat mill-UEFA u operat minn Turtle Entertainment ("ESL").

It-turnew huwa kompetizzjoni ta logħob virtwali ta eFutbol li jagħmel uzu mil-logħba Pro Evolution Football 2020 ("PES2020") għall-"Playstation 4"

Il-parteċipanti jrid ikollhom profil fuq l-applikazzjoni tat-turnew li tinstab fuq il-PS4 jew fuq il-paġna tat-turnew fuq is-sit "ESL Play". Parteċipanti li huma eligibbli fis-sezzjoni ta eliġibilità hawn taht (individwalment, plejer jew kompetitur jew parteċipant) irid ukoll (1) ikollu kopja oriġinali, jew ikollu aċċess għal-kopja oriġinali ta PES2020 fuq Playstation 4, (2)

ikollu PSN ID validu, (3) ikun resident ta pajjiz li għandu Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Futbol applikabli, u (4) ikollu abbonament tal-PSN+ validu.

# 2. Eliġibilità tal-Plejer

Il-plejers kollha li se jikkompetu fil UEFA Euro 2020 eFutbol iridu jaqblu mar-regoli t'hawn taħt:

- Il-plejers iridu jorbtu il-PSN ID mal-profil ESL Play mill-PSN tournament APP, jew mill-paġna tat-turnew fuq ESL Play. Min ma jagħmilx dan qabel ma jibda it-turnew jiġi skwalifikat mill-kompetizzjoni.
- Il-Plejers iridu ikunu tal-istess nazzjonalita tal-pajjiz li jixtiequ jirraprezentaw fil-UEFA eEURO 2020.
- Il-Plejers iridu ikunu ta 16-il sena jew akbar,  qabel ma jibda it-turnew. Il-plejers kollha taht it-18-il sena iridu jiġu akkumpanjati minn ġenitur/gwardjan legali għall-avvenimenti offlajn kollha kif inhu mitlub mil-liġi.

# 3. Kondotta tal-Plejer

Il-UEFA u ESL m'ghandhom l'ebda toleranza ghal-plejers li huma vulgaire, abbusivi jew vjolenti waqt avvenimenti tal-UEFA, kif ukoll avvenimenti relatati mal-UEFA. Kwalunkwe inċidenti tal-imġieba msemmija hawn fuq ser jittieħdu bis-serjetà u jistgħu jiġu mogħtijha sanzjonijiet kif xieraq mill-Uffiċjali tat-turnew.

Il-plejers huma mistennija li jġibu ruħhom bl-aħjar mod il-ħin kollu. Imġieba inġusta tista 'tinkludi, iżda mhix limitata għal, “hacking”, sfruttament, tisfir u skonnettjar intenzjonali. Il-plejers huma mistennija juru sportività tajba u logħob ġust. Kwalunkwe imġieba mhux sportiva jew imġieba tossika se tkun indirizzata b'mod sever matul kull fażi tal-kampjonat. Dan jista 'jinkludi anke sospensjoni jew skwalifikazzjoni mill-kampjonat. Il-plejers

għandhom jilagħbu bl-aħjar mod possibli f'kull ħin. L-amministrazzjoni tal-kampjonat huwa l-uniku ġudikatur għal ksur ta 'dawn ir-regoli.

Il-Parteċipanti ma jistgħux jużaw ġesti oxxeni, profanità u / jew kummenti razzisti bi-kwalunkwe lingwa fiċ-ċhat tal-logħob, ċhat fil-lobby, jew intervisti “live”. Dan jinkludi abbrevjazzjonijiet u / jew referenzi oxxeni. L-amministraturi tal-lega jirriżervaw id-dritt li jinfurzaw dan fid-diskrezzjoni tagħhom. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal forums, emails, messaġġi personali u kanali tad-Disċord tal-lega.

Kull tilwima ġenerali li persuna jista 'jkollha mat-tħaddim kurrenti tal-Lega għandha l-ewwel tiġi indirizzata billi tibgħat messaġġ lil Operatur tal-Lega permezz ta 'Disċord jew permezz tal-kanali ta' appoġġ u protesta fis-sistema ESL Play. Nuqqas li ssegwi proċedura xierqa għal tilwim tirriżulta fiċ-ċaħda tat-tilwima u l-possibbiltà ta ’aktar pieni.

# 4. Struttura tat-turnew

### 4.1 Selezzjoni tal-plejers ghall-UEFA eEURO 2020

L-ewwel il-plejers se jilagħbu biex jaraw min hu l’aqwa f’pajjiżhom. Se jkun hemm bejn 2 u 4 kwalifikaturi fejn il-logħob jintlab b-sistema ta’ eliminazzjoni diretta, b’logħba wahda (Bo1) skond il-pajjiż, jiġifieri f’dawn il-kwalifikaturi, jekk titlef, tinqala. Jaqbillek tilgħab f’kemm tista kwalifikaturi, minhabba li kull wiehed huwa ċans ta kwalifika għalik biex tidhol fil-kwalifikatur onlajn finali.

Il-kwalifikatur onlajn finali se jintlagħab b’sistema ta eliminazzjoni doppja, u format ta l’aħjar minn tlett logħbiet (Bo3 - jiġifieri trid tirbaħ żewġ logħbiet minn tlieta biex tavvanza). L-aħjar 2, 3 jew 4 plejers jikkwalifikaw għat-tim nazzjonali, skond il-pajjiż.

### 4.3 Selezzjoni tal-plejers ghall-UEFA eEURO 2020, simplifikata.

In-numru ta kwalifikaturi kif ukoll in-numru ta plejers li jigu promossi għat-tim nazzjonali ivarja skond il-pajjiż. Ghawn taħt tista issib it-tqassim skond il-pajjiż. Fil-każ li pajjizek mhux fil-lista, ifisser li l’Assoċjazzjoni Nazzjonali mhix tagħżel rappreżentanti nazzjonali permezz ta ’kwalifikatur onlajn organizzat mill-UEFA.

- L-Albanija se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta '2 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.

- L-Awstrija se tagħżel 4 rappreżentanti permezz ta '4 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Il-Belġju se jagħżel 2 rappreżentanti permezz ta '4 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Il-Bożnja u Ħerzegovina se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta '2 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Il-Bulgarija se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta '4 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Il-Kroazja se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta ’4 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Ċipru se jagħżel 2 rappreżentanti permezz ta ’2 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- L-Ingilterra se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta ’4 Kwalifikaturi u 1 Online Playoff Qualifier.
- L-Estonja se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta ’2 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Il-Greċja se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta '4 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- L-Ungerija se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta '4 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Liechtenstein se jagħżel 2 rappreżentanti permezz ta '2 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Il-Litwanja se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta '2 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Il-Lussemburgu se jagħżel 2 rappreżentanti permezz ta ’2 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Malta se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta ’2 Kwalifikaturi u 1 Online Playoff Qualifier.
- Il-Montenegro se jagħżel 2 rappreżentanti permezz ta '2 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Il-Maċedonja ta ’Fuq se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta’ 2 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- L-Irlanda ta ’Fuq se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta’ 2 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.

- L-Iskozja se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta '2 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Is-Serbja se tagħżel 4 rappreżentanti permezz ta '4 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Is-Slovakkja se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta '4 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Spanja se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta ’4 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- L-Isvizzera se tagħżel 4 rappreżentanti permezz ta '4 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- It-Turkija se tagħżel 2 rappreżentanti permezz ta ’4 Kwalifikaturi u 1 Kwalifikatur tal-Playoff Online.
- Wales se jagħżel 2 rappreżentanti permezz ta ’4 Kwalifikaturi u 1 Playoff Online Qualifier.

## 4.3 Kwalifikaturi onlajn tal-UEFA eEURO 2020

Wara li is-selezzjoni tal-plejers għall UEFA eEURO 2020 tintemm, kull team jiġi imtella b’polza u mitfuħ f’ħames gruppi ta 5 timijiet u 5 gruppi ta 6 timijiet. Kull team jilgħab kontra kull team fil-grupp tiegħu loghba waħda. Ir-rebbieħ ta kull grupp jgħaddi għall-finali tal-UEFA eEURO 2020.

It-tim li jkun ġie fit-tieni post se umbgħad jerġa jiġi imtella b’polza u mpoġġi f’żewġ gruppi. Kull team jerġa jilgħab kontra kull team fil-grupp tiegħu logħba waħda. L-aħjar tlett timijiet minn kull grupp se jgħaddu ukoll għall finali tal-UEFA eEURO 2020.

## 4.4 Il-Finali tal-UEFA eEURO 2020

### 4.4.1 Fażi tal-Gruppi

Is-16 il-tim fil-finali offlajn se jiġu imtella b’polza u mpoġġija f’4 gruppi ta 4 timijiet. Kull grupp se jilgħab bis-sistema GSL. L-ewwel żewġ timijiet f’kull grupp se javvanzaw għall-fażi ta’ eliminazzjoni diretta bi 8 timijiet.

### 4.4.2 Fażi ta’ Eliminazzjoni

L’erba rebbieħa tal-gruppi jittellgħu b’polza kontra it-timijiet li gew fit-tieni post u ma kienx fil-grupp tagħhom fil-fażi ta qabel. Kull partita sal-finali se jintlagħab bil format ta’ l-aħjar

minn tlett logħbiet (bo3 - Biex tavvanza trid tirbaħ 2 minn 3 logħbiet). Il-partiti se jintlagħbu hekk:

- 1v1
- 2v2
- 1v1 (jekk ikun hemm bżonnha)

Il-Finali se tintlagħab b'format tal-aħjar minn ħames logħbiet. Il-partita se tintlagħab hekk:

- 2v2
- 1v1
- 2v2
- 1v1 (jekk ikun hemm bżonnha)
- 2v2 (jekk ikun hemm bżonnha)

# 5. Gwida għat-turnew

### 5.1 "No Show"

Kull plejer għandu **15-il minuta** biex jippreżenta ruhu għal-partita. Jekk ma tiġix f'inqas minn 15-il minuta, il-partita tirriżulta f'telfa awtomatika. Il-plejer li qiegħed jistenna irid jiftaħ protesta fuq is-sit ESL Play (play.eslgaming.com) meta jgħaddu il 15-il minuta sabiex jingħata ir-rebħa awtomatika, jew jikkuntattja persuna mit-tim ta' sapport tat-turnew fuq discord.

### 5.2 Riżultati

Iż-żewg plejers huma it-tnejn responsabbli li jentraw rizultati korretti fuq is-sit ESL Play, jew jirrapurtaw ir-riżultat lil-persuna mit-tim ta sapport tat-turnew fuq il-kanal discord dedikat. Għaldaqstant, iż-żewg plejers iridu jieħdu ritratt ("*screenshot*") fi tmiem il-logħba tagħhom, fejn it-tim ta sapport jista jara ċarament ir-riżultat tal-partita, u jtellgħu fuq is-sit ESL Play wara li tintemm il-logħba. Jekk ikun hemm kunflitt fuq ir-riżultat, int mitlub tiftaħ protesta, dan sabiex it-tim ta sapport ikun jista jinvestiga il-każ u jieħu deċiżjoni. Jekk ma jkunx hemm biżżejjed provi biex wiehed mill-plejers jirbaħ il protesta, hemm lok fejn iż-żewġ plejers jiġu skwalifikati.

### 5.3 Materjal tal-partita

Kull tip ta’ materjal ta’ partita (ritratti jew vidjows) li tintlagħab irid jinżamm għal minimu ta’ 15-il ġurnata. Int mitlub ittella kull tip ta materjal fuq is-sit ESL mill-iktar fis possibli. Manipolazzjoni tal-materjal bi skopi ħżiena huwa ipprojbit u jirriżulta f'pieni ħorox.

### 5.4 Ritratti

Iż-żewġ parteċipanti huma responsabbli li ir-ritratti tal-partita jigu imtellgħin fl-aħħar tal-partita. Ir-ritratti għandhom juru ċarament l’ismijiet taż-żewġ plejers u r-riżultat tal-partita. Nirrakkomandaw ukoll li il-plejers jieħdu ritratti ta sitwazzjonijiet barra min norma, bħal-problemi fl-issetjar tal-logħba, jew skonnessjonijiet. Dawn ir-ritratti jistgħu jiġu uzati f’każ ta protesta bħala evidenza.

### 5.5 Bidliet fil-Partita

ESL tista, fid-diskrezzjoni tagħha tibdel il-ħin tal-bidu ta’ partita. ESL se tinnotifika dawk kollha involuti mill-aktar fis possibli f’dan il każ. Il-partiti kollha għandom jibdew kemm jista jkun malajr wara li jiġu assenjati. Persuni li joqogħdu jaħlu il ħin ghal xejn b’xejn bejn partita u oħra jistħhu jiġu skwalifikati. Il ħin ta bidu ta partita huwa biss stima, il-bidu uffiċjali ta’ partita huwa il mument li żewġ plejers jiġu mitfugħin kontra xulxin.

### 5.6 Infurzar tar-regoli

Ir-regoli huma gwida, u’d-deċiżjonijiet tat-tim ta sapport jistgħu ivarjaw minnhom skond is sitwazzjoni. L’amministraturi jistgħu jibdlu dawn ir-regoli f’kwalunkwe mument.

### 5.7 Preparazzjonijiet ghal-Partita

Int mitlub tirrisolvi kwalunkwe problema li tista isseħħ qabel ma tibda il-partita. Skonnessjonijiet jew problemi tas-sistema lokali tiegħek se jiskwalifikawk. Qbil bejn il-plejers għandhom jigu miktuba fil-kummenti tal-partita sabiex it-tim ta sapport ikun miżmum infurmat.

### 5.8 Skonnessjonijiet

Fil-każ ta skonnessjoni qabel ma tispiċċa partita, il-partita trid tiġi magħmulha mill-ġdid u tigi spiċċuta waqt li tigi ikkunsidrata is-sitwazzjoni ta’ qabel ma saret l-iskonnessjoni. Il-plejers iridu jaħdmu flimkien biex isibu punt fil-partita fej tista titkompla. Il-plejers umbagħad għandhom ikomplu il-partita sakemm jaslu sad-90 minuta. Jiġifieri, jekk partita giet skonnessa fil-65 minuta, iridu jintlabu 25 minuta oħra. B’hekk il-plejers iridu jaslu għall-65 minuta u jkomplu minn hemm, umbad jgħaqqdu ir-riżultati taż-żewġ partijiet.

Jiġifieri jekk fil-logħba oriġinali kienu 2:1, u fit-tieni parti tal-logħba li bdew wara liskonnessjoni kien hemm riżultat ta' 0:2, il-logħba tispiċċa b'riżultat ta 2:3. Il-logħba tispiċċa malli jkunu intlagħbu 90 minuta.

F'każ li is-sitwazzjoni seħħet fil-fażi ta eliminazzjoni diretta/doppja, u l-partita spiċċat fi "draw" totali, biex jinstab rebbieħ il-plejers ikollhom jilgħabu bir-regola tal-goal tad-deheb. Bħala eżempju: Jiġifieri, jekk partita ġiet skonnessa fil-65 minuta b'riżultat ta 1:0, intlagħbu il 25 minuta l'oħra li spiċċa b'riżultat ta 0:1, jiġifieri issa qegħdin 1:1. F'dan il-każ il-plejers ikomplu jilgħabu sakemm iseħħ gowl ieħor.

Fil-każ li qabel skonnessjoni wieħed mill-plejers kien qala karta ħamra, dan il-plejer għandu jaqla karta ħamra apposta fil-kontinwazzjoni. Il-ħin kontinwu jibda malli isseħħ il-karta ħamra, dan ifisser li jekk partita ġiet skonnessa fil-65 minuta, ġiet mibdijha il-partita wara biex titkompla, u il karta ħamra fil-logħba ta' wara l-iskonnessjoni seħħet fis-7 minuta, mela il-logħba tispiċċa mat-32 minuta, minħabba li jkunu għaddew il-25 minuta li kien hemm bżonn.

Il-plejers huma mitluba jieħdu ritratti jew videos biex juru ir-rizultat tal partita. Fil-każ ta problemi jew dubbji, irid jiġi infurmat xi-ħadd mit-tim ta sapport tat-turnew.

### 5.9 Restrizzjonijiet tal-Kont PSN

Wara li is-selezzjoni tal-plejers għall-UEFA eEURO 2020 tintemm, il-plejers m'humiex permessi li jibdlu il-kont PSN tagħhom. L'unika eċċezzjoni li tista isseħħ huwa jekk tiġi provduta raġuni valida mill-inqas 72 siegħa qabel.

# 6. Issetjar tal-logħba

### 6.1 Issetjar tal-partita - Selezzjoni tal-plejers tal-UEFA eEURO 2020

- Livell: Super Star
- Durazzjoni ta' Partita: 10 Minutes
- Numru ta' sostituzzjonijiet: 3 (+1 in Extra Time)
- Veloċità tal-Logħba: Normal
- Kontroll: All

- Tim: National Team
- Stats Ibbilanċjati: Off

**6.2 Issetjar tal-partita - Kwalifikaturi onlajn tal-UEFA eEURO 2020**

Din il-parti tat-turnew ser tinħadem bil-mod “Online Tournament Mode” li tiġi miftuħa għall-plejers kwalifikati. Id-differenza importanti - “Balanċed Stats” hija mixgħewla.

# 7. Ġbir ta’ informazzjoni

Billi tipparteċipa fit-turnew “UEFA eEURO 2020”, qiegħed taqbel li l’informazzjoni personali tiegħek (isem, isem virtwali, indirizz elettroniku, isem PSN, riżultati tat-turnew, kif ukoll informazzjoni ta’ fattura, li jinkludi l’ammont iffatturat kif ukoll speċifiċi fuq ir-rebħ munetarju tieghek) jiġi trasmess lil UEFA, Konami Holdings company, u l’Assoċazzjoni Nazzjonali tal-UEFA lokali tiegħek, għall-iskop li jintużaw waqt it-turnew. Filwaqt li għall-użu ta din l’informazzjoni mill-imsieħba ta’ kooperazzjoni, nirreferuk għad-dikjarazzjonijiet ta’ protezzjoni tal-informazzjoni fuq is-siti rispettivi tagħhom.